BIRGU

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-laqgha 41 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 41 (06) nhar l-Erbgha , 29 ta' Ottubru, 2014 fil-4.30 (fl-erbgha u nofs) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

Il-wiehed u erbghin (41) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Approvazzjoni ta' Hlasijiet ta' kontijiet pendenti u materji finanzjarji
4. Progetti tal-Unjoni Ewropeja
5. Rendikont tal-Birgufest 2014
6. Gbir ta' skart tal-Hwienet
7. Gwardjani Lokali fil-Lokalita
8. Hinijiet tal-Ftuh tal-Ufficini tal-Kunsill Lokali
9. Tlugh u Nzul ta' bandieri hdejn Couvre Porte
10. Attivitajiet ghall-Zmien il-Milied

**Prezenti**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard.

Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar attenda wara materja Numru 1.

Is-Sinjura Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

**Talba**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

**Bidu tal-Laqgha**

1. Approvvazzjoni tal-Minuti

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Laqgha numru 39(06) wara li dawn tqassmu minn qabel u gew ikkunsidrati bhala moqrija.

*Punti mqajma mill-Minuti*

1.1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega dwar il-kuntratt tal-Green MT fejn qal li wara li saret laqgha mas-Sur Attard tal-Green MT, gie spjegat in-nuqqasijiet u kif jistaw jitrangaw u ghaldaqstant il-Kuntratt tal-Green MT gie mgedded ghall-sena hekk kif kien hemm qbil dwar dan fil-laqgha precedenti. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa ukoll li inghatat parti mid-donazzjoni li kienet ilha mweghda lill-Kunsill mill-istess kumpanija ta' €2500 u li dawn ser jintuzaw fil-manutenzjoni tal-ufficini.

1.1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall fakkar lill-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi sabiex jigbor kwotazzjoni ghall-DVDs tal-filmat 'Birgu- The People, the journey' sabiex jitqassmu lil kull residenza hek kif kien imwiehed f'Jum il-Birgu 2014

**F'dan l-istadju tal-Laqgha (fil-4.45pm) attenda l-Kunsillier is-Sur Alan Cassar.**

*Is-Sindku s-Sur John Boxall ghamel referenza ghall-Birgufest 2014 fejn ippropona li tigi diskussa Materja Numru 5 dwar ir-Rendikont tal-Birgufest 2014. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. F'dan l-istadju giet imsejha is-Sinjura Moira Azzopardi l-iskrivana responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Birgufest 2014.*

5. Rendikont dwar il-Birgufest 2014

5.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lis-Sinjura Moira Azzopardi sabiex taghti rendikont tal-Birgufest ta' din is-sena minhabba li hadet hsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'

5.2 Is-Sinjura Moira Azzopardi spjegat li ghal din is-sena id-dhul ghal din l-attivita kien ta' €28173.29 li dawn jinkludu l-€10,000 moghtija mid-Dipartiment kif ukoll donazzjonijiet li inghataw minn donaturi u minghand min rama stand fl-attivita'. Bhala spejjez ammontaw €26,636.38 u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali tal-Birgu kie ghamel profitt ta' €1536.

5.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall irringrazzja lil kull min ta' sehmu sabiex din l-attivita' saret u kienet ta' success bhas-snin precedenti.

*Kontinwazzjoni ta' Materja Numru 1: Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi tkellem fuq l-Izviluppi dwar il-progett li ser issir fil-Berga tal-Ingilterra fejn qal li saret laqgha mas-Segretarjat Parlamentari Dr Justyne Caruana fejn spjegat li f'din il-binja storika fil-qalb tal-Kottonera se jsir 'hub' ghall-anzjani u li ser l-ewwel wiehed ta' dan it-tip f'Malta kif ukoll fl-Ewropa. Hija accennat u assigurat li minhabba l-accessibilita ser ikun qed isir 'stair lift'

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel kompla billi qal li ghadu xettiku dwar il-progett minhabba l-accessibbilita fejn qal li f'kaz ta' emergenza ser ikun diffiċli ferm biex l-anzjani johorgu minn gol-Berga.

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel tkellem ukoll rigward il-Librerija f'Couvre Porte fejn qal li minhabba l-accessibilita, hemm problema u gie nfurmat li l-attendenza tan-nies tal-Birgu qeda dejjem tonqos.

1.1.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall wiegeb li kienet intbaghtet ittra lir-Rotary Club fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien talab ghajnuna finanzjarja sabiex isir il-lift fil-librerija.

1.1.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ghamel referenza ghall-inmates li l-Kunsill kellu assenjati mieghu mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa li s-servizz ta' dawn l-inmates kien waqaf u dan minhabba problemi li kienu qed jinholqu specjalment dak tat-trasport biex setghu jingiebu u jitwasslu wara.

1.1.8 Rigward materja numru 1.1.7 is-Sindku s-Sur John Boxall ghamel referenza ghall-korrezzjoni ta' '.......Berga ta' Franza' trid issir '....Berga tal-Ingilterra'.

1.1.9 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti numru 39 (06). Il-Kunsill approva unanimament.

1.2 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha Numru 39(06) wara li dawn tqassmu minn qabel u gew ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2.1 Rigward materja numru 1.6 dwar ir-restawr tal-faccata tal-Berga ta' Franza, is-Sindku s-Sur John Boxall qal li ntbaghtet ittra lill-Onorevoli Dr Owen Bonnici bl-istimi ta' l-ispejjez tax-xoghlijiet ta' restawr tal-faccata sabiex tinghata ghajnuna finanzjarja.

1.2.2 Rigward materja numru 1.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li wara l-attivita' tas-Sur Lino Bugeja li saret fis-sala tal-Berga ta' Franza saru xi hsarat minimi u ghaldaqstant is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li ghandhom isir sett regolamenti dwar l-uzu tas-sala u ghandha tintalab donazzjoni xierqa skond it-tip ta' attivita.

1.2.3 Rigward materja numru 1.9 is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li skond taghrif li inghata lill-Kunsill ser ikun jista' jimpjega persuna ohra minn Jannar 2015. Is-Sindku nforma ukoll lill-Kunsill li ser ikun qed jikkuntattja lit-tieni persuna preferuta meta saru l-intervisti ghall-*part-time clerk* Skala 15 sabiex jekk ghandha minghajr impjieg tista tibda tahdem mal-Kunsill Lokali tal-Birgu fuq bazi kuntrattwali sa Jannar 2015.

1.2.4 Rigward materja numru 1.11 is-Sindku s-Sur John Boxall fakkar li kellha tintbaghat l-ittra lill-MEPA dwar l-oggezzjoni tal-Kunsill Lokali Birgu sabiex issir l-hekk imsejha 'canopy' quddiem Café Du Brazil u l-Kunsill joggezzjoni li jittiehed iktar parkegg sabiex jaghmel iktar imwejjed. Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill ghandu jikkuntattja lis-sid sabiex jitnehhew l-imwejjed li hemm fil-kantuniera ma Triq Hilda Tabone u dan minhabba l-periklu li qed jinholoq.

1.2.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-Laqgha numru 39 (06). Il-Kunsill approva unanimament.

*Is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona li tigi diskussa Materja Numru 4 dwar Il-Progetti tal-Unjoni Ewropeja Dwar dan kien hemm qbil unanimu. F'dan l-istadju giet imsejha is-Sinjura Moira Azzopardi l-iskrivana responsabbli mill-Progetti tal-Unjoni Ewropeja.*

4. <u>Progetti tal-Unjoni Ewropeja</u>

4.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lis-Sinjura Moira Azzopardi sabiex taghti spjegazzjoni dwar il-progetti tal-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill Lokali tal-Birgu bhalissa huwa nvolut fihom.

4.2 Is-Sinjura Moira Azzopardi spjegat li bhalissa l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa nvolut f'diversi progetti fosthom hemm 3 proposti tal-Progett 'Creative Europe' li huwa simili tal-progett 'Oralities' li jkopri Progetti u Attivitajiet Kulturali fil-lokalita' fejn il-Kunsill qieghed jinkludi fih l-attivitajiet tal-Birgufest 2015 u Jum il-Birgu 2015. Il-*Co-Financing* min-naha tal-Kunsill f'dan il-progett huwa ta' 50%.

4.3 Is-Sinjura Moira Azzopardi spjegat li hemm 6 propost ohra ghall-Progett 'Europe for Citizens' fejn il-*co*-finanzjament ta' dan il-progett huwa ta' 100% li jinkludi t-trasport u l-ivjaggar. Dan il-*co*-finanzjament jista jinghata biss ghall-attivitajiet organizzati fil-lokalita'.

4.4 Is-Sinjura Moira Azzopardi infurmat ukoll lill-Kunsill li l-progett Erasmus + kien gie approvat u ghalhekk il-Kunsill ser ikun qed jibghat zaghzugh ghall-esperjenza barra minn Malta. Rigward il-progett Erasmus +, is-Sinjura Moira Azzopardi infurmat li kien hemm tliet proposti fejn il-Progett 'Magical Europe' ma kienx gie approvat minhabba li kien pprezentat ftit minuti tard izda hemm zewg proposti ohra li dawn gew approvati.

4.5 Is-Sinjura Moira Azzopardi kompliet billi spjegat li il-Kunsill ser ikun qed jorganizza attivita' fl-14 ta' Dicembru 2014 taht il-progett DECIDE fejn ser tkun ukoll organizzata Konferenza fi Brussels. Il-Finanzjament ghal dan il-progett huwa ta' €4000 li jintnefqu fuq l-attivita' kif ukoll fl-ivjaggar. Il-Kunsill qabel li f'dal-kaz ghandhom imorru Il-Vici-Sindku s-Sur Trevor Mizzi, is-Sinjura Moira Azzopardi kif ukoll is-Sur Mark Causon.

**F'dan l-istadju tal-Laqgha is-Sinjura Moira Azzopardi intalbet biex tieqaf tipparteciepa fil-Laqgha.**

*Kontinwazzjoni tal-Agenda*

2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta korrispondenza mill-ftehim kollettiv tal-haddiema klerikali fejn spjega li s-Sinjura Moira Azzopardi hija ntitolata li awtomatikament titla fi Skala 14 u dan minhabba li ila hames snin tahdem f'Kunsill Lokali. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li s-Sinjura Moira Azzopardi tigi promossa awtomatikament fi skala 14.

2.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza li l-Kunsill ircieva mir-rapprezentant tal-Kunsill ta' Amalfi fejn taw ragunijiet ghalfejn ma setghux jattendu ghall-Birgufest 2014 u dan minhaba li kien hemm diversi problemi interni fl-istess kunsill. Dan ma jeskludix li fi zmien qarib issir din il-visita fil-Birgu.

2.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li il-UIF Funds tal-MEPA issa kienu telghu ghall-€15,607 u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jahseb kif jista juza dawn il-fondi biex jaghmel progett fil-lokalita'. Is-Sindku s-Sur John Boxall fakkar li kien hemm petizzjoni dwar il-bandli fil-lokalita' li dawn il-fondi jistghu jintuzaw ghall-finanzjament ta' parti minn dan il-bandli u stieden lill-Kunsilliera sabiex iresqu l-proposti taghhom dwar progetti ohra li jistghu isiru.

2.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar il-lista tal-kredituri sa Gunju 2014 fejn din intbaghtet lid-Dipartiment u ix-xoghol fuq l-estimi finanzjarji ta' din is-sena miexi kif pjanat.

2.5 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza minghand Fratris-in Armis fejn talbu li jaghmlu attivita bhal ma saret fil-Birgufest. Is-Sindku s-Sur John Boxall talab li ssir laqgha sabiex tigi diskussa din it-talba.

*Is-Sindku s-Sur John Boxall ghamel referenza dwar korrispondenza ghall-Harga fejn ippropona li tigi diskussa Materja Numru 10 dwar Attivitajiet ghall-Zmien il-Milied. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.*

11. Attivitajiet ghall-Zmien il-Milied

11.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn issugerixxa li jsir riceviment tal-Milied f'gheluq il-legislatura ta' dan il-Kunsill u dan ir-riceviment ghandu jsir fis-27 ta'Dicembru 2014. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa ukoll li apparti l-party li s-soltu jsir ghat-tfal fil-Milied, issugerixxa ukoll li ssir harga ghall-Montekristo Park jew l-Aquarium Nazzjonali. Il-party ghat-tfal ghandu jsir fit-22 ta' Dicembru 2014. Dwar din il-proposta il-Kunsill approva unanimament.

*Kontinwazzjoni tal-Agenda : Korrispondenza*

2.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar talba sabiex issir wirja ta' mudelli ta' ajruplani tal-airshow fil-Birgu. Din it-talba giet milqugha unanimament.

2.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill leaflet b'ritratt u ppropona l l-Kunsill ghandu jaghmel wiehed simili b'ritratti tal-Birgu. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-leaflet.

2.8 Is-Sindku ressaq korripondenza dwar iz-Zaghzugh tas-Sena fejn il-Kunsill jista jinnomina zghazagh ta' etajiet bejn is-16 u 30 sena. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex iressqu n-nomini taghhom fl-ufficju tal-Kunsill fil-jiem li gejjin.

2.9 Is-Sindku ressaq korripondenza minghand dwar talba sabiex issir ferrovija ghat-turisti li ser tkun qed iddur it-tliet ibliet. Il-Kunsill mhux ser ikun involute fil-finanzjament ta' dan il-progett u ghaldaqstant approva unanimament li dan il-progett isir.

2.10 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korripondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said fejn tablet sabiex titrasferrixxi 86.5 siegha ta' leave li ghad fadal ghax-xhur ta' Novembru u Dicembru 2014. Il-Kunsill approva unanimament

2.11 Is-Sindku s-Sur John Boxall pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-overtime tas-Sinjura Moira Azzopardi ghax-xahar ta' Settembru imressqa fuq il-mejda mis-Segretarju Ezekuttiv fejn kien hemm ammont ta' sieghat zejda li kien immarkat li qed isiru mid-dar. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjura Fiona Said spjegat li dwar dawn is-sieghat ma kinitx giet infurmata. Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li dan kien sar minhabba cirkostanzi ta' ammont ta' xoghol li jirrikjedi certu urgenza izda qabel li is-Segretarju Ezekuttiv ghandu dejjem ikun infurmat filwaqt li sieghat ta' overtime simili ghandhom dejjem jitressqu ghall-approvazzjoni f'laqgha tal-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

2.12 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq korrispondenza dwar invit sabiex il-Kunsill jzur il-Palestina. Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lill-Kunsill likien interressat li jattendi ma xi persuna ohra mill-Kunsill. Ghaldaqstant il-Kunsilliera ser ikunu qed jikkomunikaw mal-Kunsill dwar min jista' jattendi.

3. Approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti u Materji Finanzjarji

3.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 30 ta' Settembru 2014 sa 29 ta' Ottubru 2014 minn cekk nru. 2121 sa cekk nru. 2174 Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti ipprezentata.

6. Gbir ta' skart tal-Hwienet

6.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li bil-ligi suppost kull hanut ikollu fejn jerfa' u jarmi l-iskart tieghu fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut.

6.2 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel issugerixxa li s-sidien tal-hwienet ghandhom jikkontribwixxu finanzjarjament fil-gbir tal-iskart kummercjali.

6.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li ghandha tintalab somma ragjonevoli li tithallas lill-Kunsill Lokali sabiex il-Kunsill jkun jista jipprovdi dan il-gbir ta' skart kummercjali lill-hwienet tal-Birgu.

6.4 Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li din id-decizjoni kellha tittiehed minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill li minkejja li qed titjieb, il-Kunsill irid ikompli jnaqqas hafna spejjez.

6.5 Is-Sindku ppropona ukoll li ghandha bzonn ssir manutenzjoni fuq il-vann tal-Kunsill sabiex jibqa jservi ghal hafna servizzi li l-Kunsill qieghed jaghti bih u b'hekk qed nifrankaw ammont kbir ta' spejjez. Sakemm issir il-manutenzjoni fuq it-trakk, il-kunsill qabel li ghandu jinkera trakk minghand xi kumpanija privata.

7. Gwardjani Lokali fil-lokalita'

7.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li kien innotat li fil-lokalita' tal-Birgu qed jigu Gwardjani Lokali u dan sar minghajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali.

7.2 Is-Sindku kompla billi qal li dwar dan ma jista jsir xejn u l-Kunsill ma jistax iwaqqaf lil dawn il-gwardjani milli jigu fil-lokalita u dan minhabba li r-regjun hadu l-kontroll assolut ta' dawn il-Gwardjani Lokali.

8. <u>Hinijiet tal-Ftuh tal-Ufficcju tal-Kunsill</u>

8.1 Rigward il-hinijiet tal-Ftuh tal-Ufficju tal-Kunsill, is-Sindku ppropona li l-Ufficcju tal-Kunsill jibqa miftuh sal-5.00pm. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

9. <u>Tlugh u nzul ta' bandieri quddiem Couvre Porte</u>

9.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li minhabba li twahhlu l-bnadar quddiem Couvre Porte il-Kunsill ghandu jiddeciedi jekk dawn ghandhomx jitnizlu matul il-lejl.

9.2 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li il-bnadar jistghu jibqghu hemm anki matul il-lejl izda ghandhom jigu mdawlin.

9.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall ppropona li ghandu jsir id-dawl mal-bnadar izda meta jkun hafna rih dawn il-bnadar jinzlu. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku xtaq ifakkar rigward it-talba sabiex issir attivita tal-Partit Nazzjonalista fis-sala tal-Kunsill, is-Sindku s-Sur John Boxall qal li ma jsb l-eba oggezzjoni li ssir din l-attivita' sakemm fl-ebda hin ma jkun hemm diskorsi u attivitajiet partigjani. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel irringrazzja lill-Kunsil Lokali li din it-talba giet milqugha.

Il-laqgha ntemmet fis-8.15 ta' filghaxija.

Fiona Said
Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku